

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll il-ksur tad-drittijiet fundamentali għall-proprijetà u l-libertà ta' imprija tar-rikorrent (Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju fundamentali ta' nondiskriminazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU 2002, L 87 I, p. 44.

(<sup>2</sup>) ĠU 2022, L 87 I, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2022, L 105, p. 66.

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2022 – A2B Connect et vs Il-Kunsill

(Kawża T-307/22)

(2022/C 276/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: A2B Connect BV (Purmerend, il-Pajjiżi l-Baxxi), BIT BV (Ede, il-Pajjiżi l-Baxxi), Freedom Internet BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: L. Oranje, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitbolu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- Tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/350 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russia li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (<sup>1</sup>) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/351 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russia li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (<sup>2</sup>) abbażi tal-Artikolu 263 TFUE; u
- Tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE ma jikkostitwixxu bażi legali għad-deċiżjoni kkontestata u għar-regolament ikkонтestat, rispettivament, u/jew li l-konvenut aġixxa lil hinn mill-kompetenza tiegħu kif stabbilita fit-Trattati, b'mod partikolari fit-Titolu V tat-TUE.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-regolament ikkонтestat u d-deċiżjoni kkontestata jiksru l-Artikolu 11 u l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-regolament ikkонтestat u d-deċiżjoni kkontestata jiksru l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjoni jist-evali relatati mal-applikazzjoni tat-Trattati, b'mod partikolari, tal-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

(<sup>1</sup>) ĠU 2022, L 65, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU 2022, L 65, p. 5.

## Rikors ippreżentat fl-25 ta' Mejju 2022 – PC vs Il-Kunsill

(Kawża T-309/22)

(2022/C 276/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: PC (rappreżentanti: G. Lansky, P. Goeth u A. Egger, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea